**Minuti tal-ħdax (11)-il laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Nadur**
**Nhar it-Tlieta, 16 ta' Ottubru, 2012 fit-3:00 p.m.**

Preżenti:-

| | |
|---|---|
| Charles Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Josianne Cutajar | Kunsillier |
| Maria Natoli | Kunsillier |
| *Rita Mifsud Attard* | *Segretarju Eżekuttiv* |

Miriam Portelli informat lill-Kunsill li ma setgħatx tattendi minħabba mpennji tax-xogħol.

---

1. **Talba.** Il-laqgħa bdiet bit-talba.

2. **Minuti.** Il-minuti tal-laqgħa numru għaxra (10) tas-seba' Kunsill ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċċjali.

3. **Eko Għawdex – Wied Bingemma.** Saret laqgħa mal-bdiewa konċernati, contract manager, is-Sindku u kuntrattur dwar il-gandott ta' l-ilma tax-xita li qed issir f'Wied Bingemma bħala parti mill-proġett ta' Eko Għawdex. Dan għaliex kien hemm x' ilmenti dwar it-telf ta' l-ilma tax-xita minn ġol-birien. Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li nstabet soluzzjoni peress li ħa jsiru xi ilqugħ għall-ilma u jekk ikun hemm bzonn anke xi toqob fl-istess gandott.

4. **Rampi.** Il-Viċi Sindku talab sabiex isiru żewġ rampi biex ikun hemm aċċess għal ġo xi raba' fi Triq ir-Ramla u sabiex ikunu jistgħu jużaw ġaraxx fi Triq Grunju. Dawn għandhom isiru mill-Kunsill.

5. **Patching.** Maria Natoli ġibdet l-attenzjoni dwar il-patching li sar riċentiment f' Ta' Xordin. Dan ix-xogħol ma sarx sewwa għaliex ir-romblu ma akkumpanjax lill-ħaddiema li għamlu l-patching iżda mar wara ħafna sigħat. Maria Natoli qalet li għalhekk il-patching inqala. Ingibdet l-attenzjoni li l-pacthing issir bil-cold asphalt u għalhekk mhux neċessarjamnet jiġi irrumblat dak il-ħin stess. Maria Natoli ġibdet l-attenzjoni ukoll ta' l-istat ħażin ta' Triq l-Imgarr. Barra li t-triq għandha ħafna ħsara hemm periklu li l-ħajt ta' ħdejn il-playing field ser iċċedi. Hi talbet sabiex il-Kunsill jiġbed l-attenzjoni tal-Gvern Ċentrali peress li din hija triq arterja. Is-Segretarja nformat lill-Kunsilliera li dan l-ilment sar diversi drabi. Eucharist Camilleri ikkonferma li marru l-ħaddiema tal-Gvern akkompanjati mis-supervisors jaraw dan il-ħsara.

6. **Premju Ġieh in-Nadur**. Il-Kunsill approva in-nomina mis-Sotto Kumitat ta' Charles Xuereb bħala rebbieħ tal-Premju Ġieħ in-Nadur 2012. Il-premju ser jingħata nhar is-Sibt 10 ta' Novembru waqt il-kunċert li ser issir fl-okkazzjoni tal-festa ta' San Kurunato.

7. **Korrispondenza:**

(4363) Estimate for works for the excavtion of trenches at Old Ramla Road
(4364) Memo 34/2012 Mistoqsija Parlamentari Numru 36459
(4365) Memo 35/2012 Skema ta' Impjieg Inklussiv fil-Komunita'
(4366) Memo 36/2012 – Is-Sehem tal-Kunsill Lokali fl-Istrategija Ewropa 2020
(4367) Memo 37/2012 – Mistoqsija Parlamentari Numru 36814
(4368) Acknowledgement mit-Transport Malta dwar sinjali sofor fi Triq il-Qala
(4369) Acknowledgement mit-Transport Malta dwar sinjali sofor fi Triq Il-Madonna ta' Lourdes
(4370) Email mill-Ministeru għal Għawdex dwar laqgħa dwar it-tieni Pjan ta' Azzjoni Eko Ghawdex
(4371) Email mill-MCCAA dwar Playground inspections
(4372) Email mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Skema Lifelong Learning
(4373) Email mingħand LCA dwar laqgħa għall-Kunsilliera ta' Malta u Ghawdex 10/11/12
(4374) Ittra mingħand ERRC dwar Korsijiet
(4375) Avviz mid-Dipartiment tal-Kultura ta' Għawdex dwar Karnival ta' Ghawdex
(4376) Email minn Galea Curmi Eng. Dwar evaluation report of off-grid photovoltaic system and luminaires at Dahlet Qorrot p/c
(4377) Email mir-Regjun Għawdex dwar Jum Ghawdex
(4378) Email mid-DLG dwar servizz ta' WIFI fl-ufficini u tnaqqis mill-allokazzjoni
(4379) Ittra mill-Għaqda Armar Triq Dicembru 13 dwar wine festival
(4380) Ittra mis-Soċjeta Filarmonika Mnarja dwar is-serata ta' Premju Gieh in-Nadur
(4381) Ittra mill-MUSEUM Bniet Nadur dwar servizz ta' trasport
(4382) Ittra mill-Gozo Bird Breeders Society dwar show
(4383) Ittra mill-MUSEUM Subien Nadur dwar produzzjoni fi zmien il-Milied

8. **Gozo Vehicle Exhibition.** Il-Kunsill ġie avviċinat minn Joe Grima dwar Vintage Vehicle Show fil-11 ta' Novembru. L-idea hi, li dawn jagħmlu waqfa fin-Nadur matul in-nofs t'nhar ta' filgħodu . Il-Kunsilliera qablu li din l-attivita ssir fin-Nadur u tkun inkluza fil-programm ta' Jum il-Kunsill. Fil-11 ta' Novembru hija l-festa ta' San Kurunatu wkoll.

9. **Laqgħa Reġjonali.** Il-Kunsilliera flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv ġew mistiedna sabiex jattendu l-laqgħa reġjonali li ser issir nhar is-Sibt 27 ta' Ottubru fil-lukanda Calypso f'Marsalforn. S'issa ikkonfermaw l-attendanza tagħhom is-Sindku Charles Said u l-Kunsilliera Josianne Cutajar u Maria Natoli.

**Puttinu Cares.** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand "Puttinu Cares Cancer Foundation (Gozo) biex il-Kunsill jgħin b'risq din l-għaqda permezz ta' attivita'. Is-Sindku ssuġġerixxa li jkun hemm ġabra għal dan il-għan waqt il-kunċert (Sounds the Trumpet) li ser issir nhar il-Gimgħa 16 ta' Novembru. Il-Kunsilliera qablu ma dan is-suġġeriment. Is-Segretarja għandha tinforma lil din l-għaqda u titlob li jkun hemm persuni preżenti li jkunu jistgħu jwasslu lil dawk prezenti informazzjoni dwar ħidmiethom.

10. **Wirja ta' Għasafar.** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Gozo Bird Breeders Society. Dawn jixtiequ jorganizzaw wirja fin-Nadur bil-parteċipazzjoni tat-tfal li jkunu jistgħu jesebixxu għasafar li jkunu frieħ ta' din is-sena. Il-Kunsilliera qablu li jikkollabora f'din il-wirja li ser tittella' nhar il-Ħadd 4 ta' Novembru. Aktar dettalji ser jingħataw fil-jiem li ġejjin. il-Kunsill ser jalloka €150 sabiex jinxtraw it-trofews u medalji li jingħataw lil-parteċipanti.

11. **Kuntratt ta' ġbir ta' skart.** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-dipartiment għal Gvern Lokali kif ukoll mingħand il-kuntrattur KIP dwar l-offerta ta' ġbir ta' skart. Il-Kunsill ħatar lil avukat Rita Mifsud sabiex tagħti parir lill-Kunsill dwar din il-materja.

12. **Attivita tal-Milied.** Il-Kunsill ġie mitlub bħas-snin li mgħoddi biex jikkollabora mal-MUSEUM tas-Subien fl-attivitatjiet tal-Milied. Dawn jinkludi musical u kunċert tal-Milied. Il-Kunsilliera qablu li jikkollabora mal-MUSEUM f'din l-attivita' u ser jallokka €500 f' spejjes ta' dawn iż-żewġ attivitajiet. Il-Kunsill ser jitlob li l-kor tal-MUSEUM jieħu sehem fil-quddiesa ta' radd il-ħajr nhar il-Ħadd 18 ta' Novembru fid-9:30 ta' filgħodu.

13. **MUSEUM Bniet Nadur.** Il-Kunsill irċieva talba mingħand is-Superjura tal-MUSEUM tal-bniet biex il-Kunsill jgħin fit-transport tat-tfal għad-duttrina. Il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill jgħin fl-ispejjes tat-trasport sa €350 wara li jinġiebu l-irċevuti ta' l-ispejjes.

14. **Memo 35/2012 Skema ta' Impjieg Inklussiv Fil-Komunita'.** Il-Kunsill applika sabiex jieħu sehem f'din l-iskema li ser tiġi finanzjata mill-Gvern Ċentrali. Il-Kunsill talab għall-ġardinar. Dan għaliex il-Kunsill għandu bżonn aktar ħaddiema fuq barra u l-uffiċċju tal-Kunsill huwa zgħir u m'hemmx spazju biżżejjed għal-ħaddiema oħra klerikali.

15. **Memo 38/2012 Skema Dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2012/2013.** F'laqgħa tas-Sotto Kumitat organizzativ ġie suġġerut li ma jsirx il-Christmas Market peress li dan mhux ikollu ħafna konkurrenza u l-Kunsill qed issib diffikulta biex issib parteċipanti biex jarmaw l-istands. Barra dan biex tinkera it-tinda tiġi 'l fuq minn €4000. Minflok il-Christmas Market il-Kunsill ser jieħu ħsieb jagħmel tizjin aktar attrajenti u ser jorganizza Citrus Festival. Għal-iskema ta' l-attivitajiet il-Kunsill ser japplika għall-attivita' tal-Karnival u għall-Wirja Agrarja.

16. **Eko Għawdex.** Is-Sindku flimkien ma' sindki oħra Għawdxin attenda laqgħa mad-direttur Anthony Zammit dwar il-proġett Eko Għawdex il-ġdid. Il-ħsieb hu li għas sena d-dieħla isir proġett kollettiv bejn il-Kunsilli Għawdxin . Dan jista' jkun jikkonsisti f' up-grading tat-toroq non-urban fil-lokalitajiet.

17. **Librerija DVD.** Eucharist Camilleri issuġġerixxa li jkun hemm librerija bid-DVD's .

18. **Photovoltaic Panels.** Il-Kunsill ħareġ sejħa għall-offerti għal photovoltaic panels fil-latrina ta' Daħlet Qorrot. Kien hemm żewġ offerti. Dawn ġew analizzati mill-"contract manager". Hu rrakkamonda l-offerta ta' Frank Borda Ltd. li kienet l-aktar waħda vantaġġjuza bil-prezz ta' €3,500. Il-Kunsill ser jitlob li dawn jiġu nstallati w jkunu joperaw sa Mejju 2013.

19. **Passaġġi fir-Raba.** Fuq talba tal-Kunsillier Josianne Cutajar ġew imnizzla l-passaġġi li hemm mitluba biex issiru bil-konkos: tal-Gebel l-Aħmar (ser issir talba biex dan issir mill-Gvern Centrali), ta' Josef Muscat fil-Musfar; ta' Chris Camilleri – tal-Ħanaq; Ta' Sinet ta' Martino Muscat u Joe Camilleri, u ta' Dominic Falzon fl-Irdum. Ser issir patching bil-konkos fil-pasaġġ tax-Xini.

20. **Ħarġa għal-Anzjani.** Josianne Cutajar u Maria Natoli ġibdu l-attenzjoni li huma ma kienux informati dwar l-aħħar ħarġa ta' l-anzjani u saru jafu biha mill-bulletin. Din ma ġietx imsemmija fil-laqgħa tal-Kunsill. Is-Sindku informahom li din ġiet organizzata wara l-aħħar laqgha tal-Kunsill peress li ħafna anzjani urew ix-xewqa li l-Kunsill jerġa' jorganizza ħarġa oħra għalihom. Il-ħarġa għall-anzjani li jmiss ser tkun nhar it-Tnejn 19 ta' Novembru.

21. **Fondi tal-UIF.** Il-Kunsill għandu madwar €53,000 fil-Urban Improvement Fund tal-MEPA. Is-Sindku ssuġġerixxa li parti minn dawn il-fondi jintużaw biex jinbidlu l-litter bins ġol-pjazza li jinsabu fi stat ħazin . Il-Kunsilliera qablu ma' dan is-suġġeriment.

22. **Affarijiet oħra.** Maria Natoli qalet li hemm xi trab fi Triq Wied ir-Riħan. Il-kuntrattur tal-knis għandu jiġi informat sabiex jiġbru. Il-bozza fil-kantuniera tat-toroq Xini u Duru qed tixgħel u titfi kif ukoll il-bozza fi Pjazza 28 t'April 1688 (ma ta' Dun Salv Pace). Il-playing field, partita tal-boċċi u ġnien ta' San Blas mhux jixgħelu. Josianne Cutajar u Maria Natoli talbu biex issir zebra crossing fi Triq il-Knisja u Triq ir-Rabat. Il-Kunsill diġa għadda dawn it-talbiet lit-Transport Malta iżda dawn għadhom ma ġewx approvati. Josianne talbet li tara l-korrispondenza dwar dawn. Josianne Cutajar talbet ukoll li fl-agenda li jmiss ikun hemm għad-diskussjoni, il-Kunsill taż-Żgħażagħ.

.

Il-laqgħa ntemmet fis-6 p.m. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa 14 ta' Novembru fit-3.00 ta' wara nofsinhar.